MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Numru 832/1999

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
vs
Mary Carmen Grech u Joseph Fava

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli bejn l-4 u l-5 ta' Settembru 1999 ghall-habta ta' 11.00 p.m. gewwa il-Belt Valletta :

Mary Carmen Grech biss :

1. Volontarjament hasret, jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlet hsara fuq vettura Nru JAM539 ghad-dannu ta' Joseph Fava, liema hsara ma teccedix il-hames mitt lira Maltin, imma teccedi il-hamsin lira Maltin u dan ai terminu tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ingurjat jew hedded jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta’ diversi membri tal-korp tal-pulizija li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghhom, jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u cioe’ fuq il-persuni ta’ u dan ai terminu tal-Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Ikkagunat ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC889 Joseph Fava skond kif iccertifika Dr DJ Farrugia MD tac-centru tas-sahha tal-Furjana;
4. Irrifjutat li taghti lill-ufficjali pubblici jew lil wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun qed jaghmel il-qadi ta’ dmirijietu isimha, kunjomha, fejn toqghod u il-partikularijiet ohra u dan ai terminu tal-Artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. Ma obdietx l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita jew ta’ persuni li jkunu inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma thallihomx jew tfixkilhom waqt li jkunu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd indahlet fi dmirhom, billi ma hallietx lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat li jistghu jaghmlu, jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b’xi mod iehor li jkun kemm il-darba dan id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjoni ohra tal-kodici kriminali jew ligijiet ohra u dan ai terminu tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6. Saqet vettura Nru DBB018 tal-ghamla Yugo minghajr ma kienet irregistrata jew permessa sabiex tigi misjuqa gewwa il-Belt Valletta u dan ai terminu tal-Artikolu 61 tal-MVR;
7. Fuq talba tar-regolatur tat-telekomunikazzjoni talli fis-6 ta’ Settembru 1999 ghall-habta ta’ 11.00a.m. f’dawn il-gzejjer ghamlet uzu minn xi infrastruttura jew apparat ta’ telekommunikazzjoni provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut jew naqset milli tosserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu mill-provditur awtorizzat ghall-uzu sew ta’ l-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni jew taghmir jew ghamlet uzu minnu mhux sew u dan bi ksur tal-Artikolu 34 (d) tal-Att tal-1997 li jirregola it-Telekomnikazzjoni;

Lil Joseph Fava biss akkuzat talli :

8. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mary Carmen Grech skond kif iccertifikat Dr Tania Mizzi MD, tac-centru tas-sahha tal-Floriana u dan ai terminu tal-artikolu 214 u 216 1 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq vettura Nru DBB018 ghad-dannu ta' Mary Carmen Grech, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin, imma teccedi il-hamsin lira Maltin dan ai terminu tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10.Saq vettura Nru JAM539 tal-ghamla Cortina minghajr ma kienet irregistrat jew permessa sabiex tigi misjuqa gewwa il-Belt Valletta u dan ai terminu tal-Artikolu 61 tal-MVR.
11.Talli bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku, li dolozament bi ksur ta' dmirijietu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att b'taghkis, jew bi hsara ta' haddiehor, billi xjentement ikkommetta diversi reati u kontravenzjonijiet nhar il-5 ta' Settembru 1999 gewwa il-Belt Valletta ghall-habta ta' 11.00p.m. hekk kif jidher fl-akkuzi (8), (9), (10), (11), (12), (13), (14), (15) u (16) u dan bi ksur tal-Artikoli 138 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Carmen Grech u Joseph Fava flimkien akkuzati talli :

12.talli fl-istess lok, data u hin bil-lejl kisru il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, jew ghajjat, jew b'mod iehor u dan ai terminu tal-Artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
13.talli fl-istess lok, data u hin kisru volontarjament il-bon ordni jew il-paci pubbliku u dan ai terminu tal-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
14.talli fl-istess lok, data u hin hebbew kontra xulxin sabiex jingurjaw, iddejjqu jew jaghmlu hsara lil xulxin jew lil haddiehor u dan ai terminu tal-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
15.talli fl-istess lok, data u hin qalu fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamlu gesti oxxeni, jew b'xi mod

iehor offendew l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika u dan ai terminu tal-artikolu 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
16.talli fl-istess lok, data u hin qalu kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u dan ai terminu tal-Artikolu 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-verbal taghha tal-15 ta' Dicembru tas-sena 2000 li permezz tieghu fuq talba tal-Avukat Generali il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju u dana sabiex il-kawza titmexxa separatament fil-konfront ta' l-imputata Mary Carmen Grech u tal-imputat Joseph Fava;

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tat-12 ta' Frar, 2001 li permezz taghha deherlu, illi fil-konfront ta' l-imputat Joseph Fava biss, tista tinstab htija jew htijiet f'dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 325 (b), 138, 141, 338 (m), 338 (bb), 338 (dd), 342, 17 (b), 17 (c), 20, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikolu 18 tal-Kap. 65 u fl-Avviz Legali 128 tal-1994;
U semghet lill-imputat Joseph Fava jiddikjara illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, u l-atti kollha ta' dan l-procedment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat Joseph Fava ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri;

Il-Qorti tibda billi tiddikjara illi l-akkuzi numru 12, 13, 14, 15 u 16 dedotti kontra l-imputat Joseph Fava huma preskritti peress li huma ta' natura kontravenzjonali, gew

allegatament kommessi fil-lejl ta’ bejn l-4 u l-5 ta’ Settembru 1999, izda l-imputat Joseph Fava tressaq il-Qorti akkuzat b’dawn ir-reati u fil-15 ta’ Frar tas-sena 2000, u b’hekk lahqet iddekorriet l-preskrizzjoni ta’ tlett xhur illi hija dik stabbilita mill-Ligi f’kaz ta’ kontravvenzjonijiet. Ghaldaqstant, l-akkuzi 12, 13, 14, 15 u 16 huma kollha preskritti;

Il-Qorti ghalhekk jibqaghlha biss illi tara u tistabbilixxi jekk l-imputat Joseph Fava huwiex hati tar-reati numri 8, 9, 10, u 11 fl-imputazzjoni;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta illi l-imputat Joseph Fava u Mary Carmen Grech ghandhom relazzjoni intima bejniethom u l-incident kollu inqala kawza ta’ din ir-relazzjoni illi ghandhom.

Illi Mary Carmen Grech issostni illi hija marret hdejn l-imputat Joseph Fava meta dan kien xoghol barra Kastilja, fixed point u meta qaltlu li dakinhar kienet sejra tohrog wahedha huwa ifferocja, hebb ghaliha u fil-prezenza tal-pulizija shabu, xejjer daqqa u laqatha go wiccha. Skond l-istess Mary Carmen Grech, meta hija giet eskortata aktar tard lejn il-karozza taghha mill-pulizija sabet diversi hsarat fil-vettura taghha u hija wahhlet fl-imputat Joseph Fava.

Illi l-imputat Joseph Fava ta verzjoni totalment differenti minn dik illi tat Mary Carmen Grech u qal illi huma kellhom argument u Mary Carmen Grech, hdejn Kastilja, taghtu daqqa bic-cavetta wara widnejh. Joseph Fava esebixxa certifikat mediku.

Illi l-imputat Joseph Fava irrimarka wkoll illi garrab xi hsarat fuq il-vettura tieghu u skond hu dawn il-hsarat gew ikkagunati minn Mary Carmen Grech.

Illi kemm Mary Carmen Grech, kif ukoll l-imputat Joseph Fava, it-tnejn li huma irrilaxxjaw stqarrija fejn sostnew il-verzjoni taghhom tal-fatti.

Illi l-imputat, fl-istqarrija illi irrilaxxja lill-pulizija, cahad kategorikament illi kien ikkaguna xi feriti fuq Mary Carmen Grech. Huwa qal anzi li kienet hi li sawwtitu u li aggredietu permezz ta' cavetta wara widnejh.

Ikkunsidrat :

Illi Mary Carmen Grech ipproduciet certifikat mediku fis-sens illi dakinhar ta' l-incident in kwistjoni hija kellha tbengila fuq geddumha, kif ukoll girfa man-naha ta' wiccha, u skond dan ic-certifikat dawn il-griehi li sofriet Mary Carmen Grech kienu ta' natura gravi peress illi kienu fil-wicc. Mary Carmen Grech esebiet wkoll stima tal-hsarat illi allegatament sofriet il-vettura taghha, liema hsarat kienu jammontaw ghas-somma ta' mija, hamsa u sebghin lira.

Illi mix-xhieda prodotti irrizulta illi l-imputat Joseph Fava u Mary Carmen Grech kellhom tilwima hdejn Kastilja.

Illi PS 325, Patrick Bonnici, xehed illi meta hu u shabu telghu Kastilja biex jaraw x'kien qieghed jigri, sabu lil Mary Carmen Grech u l-imputat Joseph Fava u semghuhom jghajjru lil xulxin. Huwa xehed illi kienu anke ser ihebbu ghal xulxin, izda bl-intervent tal-pulizija dan ma garax. Ix-xhud kompla jghid illi Grech taghtu verzjoni u l-imputat tah verzjoni totalment differenti. Huwa kompla jixhed illi meta telgha Kastilja ma innota l-ebda kuntatt bejn iz-zewg imputati. Huma ma gewx fl-idejn, ma bdewx jaghtu (vide fol. 40 tal-process). Ix-xhud qal ukoll illi meta Mary Carmen Grech kienet ilmentat illi sarulha hsarat fuq il-vettura taghha hu mar jara dawn l-allegati hsarat u sab illi fil-postijiet kollha li indikatilhom Mary Carmen Grech kien hemm is-sadid, li ghalih kien jindika li allura dawn il-hsarat kienu ilhom illi graw u certament mhux dakinhar ta' l-incident.

Illi PC 1077 Anthony Theuma ukoll xehed illi huwa kien prezenti u li ma rax lill-imputat jiggieled ma Mary Carmen Grech. Semghahom biss jitghajjru, izda kliem oxxen ma semghax.

Illi xehdu diversi xhieda ohrajn, kollha membri tal-korp tal-pulizija illi kienu prezenti waqt illi inqala l-incident, u kollha kemm huma xehdu fis-sens illi ma rawx lill-imputat u lil Mary Carmen Grech fl-idejn, semghuhom biss jghajjru lil xulxin.

Ikkunsidrat :

Illi dwar it-tmien akkuza, jigifieri illi l-imputat ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mary Carmen Grech, il-Qorti tara li din l-akkuza ma gietx ippruvata u dana peress illi hadd ma ra lill-imputat isawwat lil Mary Carmen Grech. Mary Carmen Grech qalet illi hu sawwatha izda hu cahad u ghalhekk ghandna zewg verzjonijiet kompletament u totalment konfliggenti.

Illi apparti minn dan kollu, meta xehdet Dr Tania Mizzi f'dawn il-proceduri, hija qalet illi Mary Carmen Grech kellha barxa fuq wiccha u hija ikklasifikat din il-barxa bhala ferita ta' natura gravi peress illi kienet fil-wicc. Dr Mizzi qalet illi ma regghetx ezaminat lil Mary Carmen Grech u li x'aktarx illi peress illi l-injuries kienu jikkonsistu fi brix u tbengil dawn ma jibqghux jidhru u ma jhallu l-ebda sinjal fil-wicc.

Illi dwar id-disa' akkuza, dik ta' hsara volontarja allegatament kommessa mill-imputat fuq il-vettura ta' Mary Carmen Grech, apparti il-fatt illi id-daqqiet li uriet Mary Carmen Grech fuq il-vettura taghha kienu kollha mimlija sadid, hadd ma ra lill-imputat, inkluz l-istess imputata Mary Carmen Grech, jaghmel il-hsarat fuq il-vettura taghha. Kull ma ghandna huma biss allegazzjonijiet minn Mary Carmen Grech, illi lanqas hi stess ma rat lill-imputat jew lil xi hadd jaghmlilha dawn il-hsarat fil-vettura taghha, izda skond hi dawn il-hsarat ghamilhomla l-imputat, b'hekk lanqas din l-akkuza ma giet ippruvata.

Dwar l-ghaxar akkuza, din certament ma tirrizultax ghaliex tressqet il-prova mill-istess Prosekuzzjoni illi l-vettura ta' l-imputat kienet licenzjata biex tidhol il-Belt.

Illi una volta ma jirrizultawx it-tmien, id-disa u l-ghaxar akkuzi fil-konfront ta’ l-imputat u una volta it-tnax, it-tlettax, l-erbghatax, il-hmistax u s-sittax il-akkuza huma kollha preskritti l-imputat ma jistax jigi misjub hati tal-hdax il-akkuza u cioe’ illi bhala ufficjal pubbliku ghamel jew naqas li jaghmel xi att b’taghkis, jew bi hsara ta’ haddiehor, billi xjentement ikkommetta diversi reati u kontravvenzjonijiet nhar il-5 ta’ Settembru 1999 gewwa il-Belt Valletta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti filwaqt illi tiddikjara illi l-imputat m’huwiex hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------